# FIS-SIEGHA TAL-MEWT



Kappillan ta' Munster (Westphalia) kien diga' irtira biex jidhol fis-sodda halli jorqod, meta sema' il-qampiena tal-bieb idoqq. Hekk kif fetah il-bieb , quddiemu lemah ragel li ma kienx jafu, li talbu biex imur f'dar halli jamministra l-ahhar sagramenti. Il-qassis minghajr ma tnikker, libes malajr, ha lil Gesu' Sagrament mieghu u erhilha lejn id-dar.

Meta wasal f'dik id-dar, ma kienx jaf x'jaqbad jahseb, hekk kif sema' lil iben is-sinjura tad-dar, li kien habibu jghidlu: " X'jfisser dan li gejt f'dan il-hin hawn, meta hadd ma huwa marid?"

"Mhux inti bghatt ghalija biex namministra l-ahhar sagramenti lil ommok?"

"Le. Ghadha kemm telghet fuq fil-kamra taghha u qabel hallietni kienet tajba. Emminni li ma nafx x'jfisser dan?"

Il-kappillan haseb li kien xi nuqqas ta’ ftehim ma’ dak li gie biex jaghtih l-ahbar.

Imma, habibu biddel hsiebu u qal lill-kappillan: “ Wara kollox min jaf hux it-Tajjeb Mulej li baghtek hawn. Min jaf ommi hassiex hazin f’daqqa wahda?” U meta qal hekk tela’ jigri fil-kamra taghha u hemm isibha b’hass hazin.

Qaltlu: “Ibni ma kellix sahha nghajjatlek. Ibghat malajr ghall-qassis biex inqerr u nitqarben qabel immut.”

Il-kappillan tela’ fuq u amministra l-ahhar sagramenti lill-moribonda. Wara li qarbinha staqsieha: “ Inti ghandek xi devozzjoni specjali lejn xi qaddis partikulari biex Alla tak il-grazzja li tmut konfortata bl-ahhar sagramenti?”

U t-twegiba taghha kienet din: “ Dejjem tlabt lil San Guzepp li jintercedi ghalija biex ma tonqosnix din il-grazzja.”

U hawn il-kappillan fehem li kien dan il-patriarka qaddis li indahal ghaliha biex taghmel mewta tajba.

*Hekk jghixu u jmutu dawk l-erwieh li jiehdu lil San Guzepp bhala patrun taghhom.*